MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 46/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Kenneth Micallef**

Numru 46/2013

Illum 26 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Kenneth Micallef**, ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, iben Joseph u Rita neé Farrugia, imwieled Pieta’, Malta, nhar is-6 ta’ April 1987, residenti fil-fond Little Cottage, Il-Kuncizzjoni, tar-Rabat Malta u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru

177787(M), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Mejju 2012 gewwa il-Gzira ta' Ghawdex f'hinjiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-21 ta' Jannar 2009 (Mag. A. Vella LL.D.) u nhar it-28 ta' Marzu 2012 (Mag. A. Vella LL.D) liemi sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu 2013 *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "C").

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.
Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: l-ammissjoni bikrija tal-imputat, in-natura tar-reati

addebitati lill-imputat, b'mod specjali it-tieni (2) imputazzjoni miguba fil-konfront tieghu, u l-fedina penali tal-imputat (Dok. “B”).

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u tlitt mitt Euro (€ 1,300).

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. “F” taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------